bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Bartolo)
vs
Ayman Khalaf, iben Mamdouh, imwieled Damasku, Sirja fil-5 ta' frar, 1969

Illum, 17 ta' mejju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fil-25 ta' marzu, 1999, għal ħabta tat-3.00 p.m., u matul ix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

1. ikkometta serq ta' servizz telefoniku, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jiskorri l-elf liri maltin (Lm1,000), sar għad-dannu tal-kumpanija Maltacom plc;
2. f'dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi, b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qliegħ ta' aktar minn ħames mitt liri maltin (Lm500) għad-dannu tal-kumpanija Maltacom plc;
3. f'dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi bi ħsara ta' ħaddieħor u cioe' tal-kumpanija Maltacom plc għamel xi qliegħ ieħor b'qerq li jammonta għal aktar minn ħames mitt liri maltin (Lm500);
4. f'dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat u cioe' 'telecard' falza;
5. f'dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi ffalsifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid u cioe' il-kumpanija Maltacom plc id-disinji jew mudelli ta' manifattura, jew, xjentement għamel użu ta' dawn id-disinji jew mudelli ffalsifikati jew imbiddla ukoll jekk minn ħaddieħor mingħajr il-kunsens tas-sid;
6. f'dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi għal qliegħ jew bi skop ta' kummerċ, bena, biddel, għamel, ipposjeda, biegħ jew xtara xi apparat li bih ikun jista' jikkonetti kontra l-Liġi ma sistema tat-telekomunikazzjoni;

7. f'isem ir-regolatur tat-telekomunikazzjoni, f'dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi biegħ jew offra għal bejgħ jew ipprovda jew installa jew uża xi nstallazzjoni jew apparat li ma jkunx konformi ma dawk l-istandards tekniċi jew speċifikazzjonijiet hekk meħtieġa jew stabbiliti minn jew taħt dan l-Att, jew li kien jaf jew kellu raġuni valida għaliex jobsor, li kienu difettużi jew inkompatibli mas-servizzi li jkunu nbiegħu, ġew provduti, installati jew użati għalihom;
8. f'isem ir-regolatur tat-telekomunikazzjoni, f'dawn il-Gżejjer, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanżi uża xi nfrastruttura jew apparat ta' telekomunikazzjoni provdut minn proditur awtorizzat għal għan li ma kienx dak li għalih kien ġie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nħarġu minn provditur awtorizzat għall-użu sew tal-infrastruttura tat- telekomunikazzjoni jew tgħammir jew għamel użu minnu mhux sew.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-3 ta' awissu, 2001 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
Fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(f), 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(2), 280, 281, 308, 309, 310, 184, 187, 189, 189B, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' novembru, 2001 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fix-xahar ta' marzu, 1999 is-soċjeta' Maltacom kienet infurmat lill-pulizija li kienu qed ikollhom problemi b'telephone cards foloz u kienu qed isiru ħafna telefonati barra minn Malta mingħajr ma jinġabar il-ħlas dovut. Għalhekk, is-sistema ntern tal-Maltacom kien imħejji f'tali manjiera li jekk ikun hemm dewmien żejjed f'xi 'telephone booth' dan kien jiġi notat immedjatament. Ġara li fil-25 ta' marzu, 1999 il-pulizija ġiet infurmata mill-'internal auditor' tal-Maltacom li minn 'telephone booth' fi Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan kienet qed issir telefonata lejn is-Sirja li kienet twila u kien hemm suspett li qed tintuża 'telecard' falza. Fil-fatt, il-pulizija marru fuq il-post indikat u sabu lill-imputat ħiereġ mit-'telephone booth'. Il-pulizija identifikaw ruħhom iżda l-imputat beda jissara magħhom sakemm irnexxielhom jikkalmawh. Saret tfittxija fuq il-persuna ta' l-imputat u nstabet 'telecard' ta' Lm2. Ma nstabet ebda 'telephone card' falza fuq il-persuna tiegħu.

Illi l-pulizija nfurmaw lil Maltacom b'dak li kienu sabu. Fil-frattemp, il-pulizija ħadu

lill-imputat l-għassa ta' tas-Sliema. Hemhekk, l-imputat ġie nterrogat u stqarr li hu ma kellhu ebda 'telephone card' falza fil-pussess tiegħu. Fil-kors tad-diskuzzjoni mal-pulizija, l-imputat qal li hu uża kombinazzjoni ta' numri biex ikun jista' jitkellem mingħajr ma juża t-'telephone card' li nstabet fuq il-persuna tiegħu. Ftit tal-ħin wara, il-pulizja ħadu lill-imputat fejn kienu sabuh u stennew li jiġu fuq il-post l-impjegati tal-Maltacom. Saru xi tests fuq dan il-'payphone' u sabu li dan il-'payphone' kien qed jaħdem sew. Ftit wara Sandro Psaila, impjegat tal-kumpanija, sab 'telephone card' mal-art, biswit il-'booth' taħt karozza li kienet ipparkajata hemmhekk.

Illi din it-'telecard' li nstabet kienet waħda falza mad-daqqa ta' għajn.

Illi mix-xhieda ta' Ingrid Azzopardi, 'internal auditor' tal-Maltacom jirrizulta li minn dak il-'payphone' saru ħafna telefonati lejn is-Sirja u bnadi oħra tad-dinja. L-imputat ammetta li n-numru tat-telephone 00963115512109 kien tad-dar tiegħu u dan in-numru partikolari tella kont ta' erba' telef tlett mija u tmienja u ħamsin liri maltin u tletin ċentesimu (Lm4,358.30) għal perjodu li jibda fix-xahar ta' awissu, 1997 u jispiċċa f'marzu, 1999 fuq dan il-'payphone' partikolari. Ingrid Azzopardi ndikat diversi numri oħra iżda ma saret ebda prova biex torbot dawn in-numri mal-imputat. Hu veru li l-imputat ma setgħax jiftakar in-numri kollha iżda ma saret ebda tfittxija fid-dar ta' l-imputat biex jinstabu dawn in-numri. Fil-fatt, l-imputat innifsu kien qal lill-pulizija li hu kellhu elenku ta' numri fir-residenza tiegħu.

Illi l-imputat ikkonferma fil-Qorti, bil-ġurament tiegħu, li hu qatt ma kellhu 'telecard' falza fil-pussess tiegħu iżda hu kien juża kombinazzjoni ta' numri biex iwaħħal l-apparat li kien qed jimmarka t-telefonati li hu kien jagħmel. Hu kien jaf li b'dan il-metodu kien qed jiffanka u ma jħallas dak dovut lil Maltacom. Mhemmx dubju li dan l-aġir tal-imputat kien qed jarreka dannu lil Maltacom.

Illi l-pulizija ma qagħdux fuq il-post il-ħin kollhu u l-fatt li t-'telecard' falza nstabet wara li marru fuq il-post it-tieni darba tnizzel dubju li għandu jittieħed favur l-imputat. Madankollu, l-imputat stqarr dak li għamel u l-aġir tiegħu jammonta għal qliegħ b'qerq għad-dannu tal-Maltacom. Inoltre, l-imputat ma użax l-apparat telefoniku kif suppost.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni, tar-raba', tal-ħames u tas-sitt akkuża miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkużi. L-Avukat Ġenerali ma ndikax l-artikoli tal-Liġi relativi għas-seba' u għat-tmien akkuża kontra l-imputat u għalhekk tali akkużi għandhom jiġu konsiderati bħala rtitati. Issibu ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perjodu ta' sentejn mil-lum, l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' Lm4,358.30 danni lil Maltacom plc fi żmien sitt xhur mil-lum.

Tiddikjara li mhemmx lok għal applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. Tordna d-distruzzjoni tat-'telecard' eżebita fl-atti ta' din il-kawża.